# Kulleġġ San Nikola
Sekondarja Subien Naxxar

BS Naxxar

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
Frar 2014

Suġġett: Studji Soċjali (*Option*) It-Tielet Sena Ħin: Siegħa u Nofs

Isem ______________________________ Klassi ____________

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet.**

**Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

## Għall-użu tal-għalliema

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima Ċ | Taqsima D | Total |
|---|---|---|---|---|
| 25 | 25 | 25 | 25 | 100% |
| | | | | |

**Taqsima A. Aqra sew din is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwarha.** ***(25 marka)***

Il-kultura tagħtina identità. Iktar ma' jgħaddi ż-żmien, aktar kulturi qed jitilfu dak li verament jagħmilhom uniċi. L-elementi Maltin li n-nanniet tagħna kienu tant kburin bihom, qed jintesew. Sfortunatament, il-ġenerazzjonijiet futuri mhux ħa jkollhom l-opportunità li jgawdu dawk il-karatteristiċi li kienu jiddistingwu lil Malta minn kulturi oħra. Il-kultura popolari Amerikana hija tant influwenti li daħlet f'kull kultura bir-riżultat li diversi aspetti minn kulturi differenti llum intesew u taru mar-riħ.

1. Agħti definizzjoni ta' kultura.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________*(2 marki)*

2. Semmi **tlett** elementi mill-kultura Maltija illi nbiddlu ħafna matul iż-żmien. Spjega kif dawn inbiddlu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________*(6 marki)*

3. X'nifhmu meta ngħidu **'kultura dinamika'**?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________*(2 marki)*

4. Id-diversità kulturali daħlet f'diversi gruppi u istituzzjonijiet soċjali.

(a) Spjega x'inhi **'diversita' kulturali'**.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________*(2 marki)*

(b) Agħti **żewġ** eżempji fejn insibu diversità kulturali.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________*(2 marki)*

5. (a) X'inhi **'sotto-kultura'**?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

(b) Kif tiżviluppa sotto-kultura?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

(c) Agħti eżempju **wieħed** ta' kif sotto-kultura tinfluwenza kultura dominant.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

6. Malta hija multi-kulturali.

(a) X'nifhmu meta ngħidu pajjiż multi-kulturali?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

(b) Semmi **tliet** vantaġġi ta' multi-kulturaliżmu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(3 marki)*

**Taqsima B. Aqra sew din is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwarha.** ***(25 marka)***

Il-familja tradizzjonali Maltija ffaċċjat diversi sfidi kbar matul iż-żmien. Diversi fatturi għenu biex il-familja tradizzjonali llum kważi spiċċat għal kollox. Minflok bdew jitwieldu diversi tipi ta' familji oħra li ħolqu diversi mistoqsijiet u bżonnijiet li s-soċjetà kellha twieġeb għalihom.

1. Semmi **tlett** tipi ta' familja u uri d-differenza bejniethom.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(6 marki)*

2. (a) X'tissejjaħ il-familja li kienet tiddomina l-aktar fil-passat?

   (b) Spjega l-irwoli u l-istruttura tagħha.

   (a) ______________________________________________________ *(marka)*

   (b) ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(6 marki)*

3. Il-funzjonalisti jemmnu li l-familja għandha diversi funzjonijiet fis-soċjetà. Liema huma?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(4 marki)*

4. X'jgħid Karl Marx fuq il-familja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

5. Il-familja f'Malta għaddiet minn diversi tibdil. X'miżuri jeżistu f'Malta favur il-familja? Semmi **tnejn**.

   (a)__________________________________________________________ *(marka)*

   (b)__________________________________________________________ *(marka)*

6. (a)Meta ġiet fis-seħħ il-Liġi dwar il-Familja f'Malta?

______________________________________________________________ *(marka)*

(b)X'inhuma l-bidliet ewlenin li ġabet magħha l-Liġi dwar il-Familja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(3 marki)*

**Taqsima Ċ. Spjega dawn li ġejjin fi kliemek.** *(5 x 5marki = 25 marka)*

1. Il-Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Familja.

2. Spjega d-differenza bejn monogamija u poligamija.

3. Kultura dominanti.

4. Istituzzjoni Soċjali.

5. Komunità Lokali.

**Taqsima D. Agħżel WIEĦED minn dawn li ġejjin u ikteb f'madwar 250 kelma dwaru.** *(25 marka)*

1. Spjega fid-dettal kif il-familja Maltija nbiddlet maż-żmien u x'kienu l-fatturi ewlenin li wasslu għal dan it-tibdil.

***JEW***

2. Il-kultura minna nnifisha tagħti identità lill-poplu. Spjega d-differenza bejn kultura tradizzjonali u kultura moderna billi tagħti eżempji differenti biex turi kif dawn jinbiddlu maż-żmien

***JEW***

3. It-tibdil kulturali huwa fenomenu li tista' tgħid jolqot kull kultura. Spjega dan b'referenza għal fatturi ewlenin li jwasslu għal tibdil fil-kultura.

**TMIEM IL-KARTA**